




# LINJI GWIDA GĦALL-KISBA TAL-KOMPETENZI EWLENIN FIL-MALTI

Manwal maħsub bħala għajnuna għall-għalliema tal-Malti fl-Iskejjel Sekondarji biex isegwu l-progress tal-istudenti fil-ksib tal-kompetenzi ewlenin fil-lingwa u fil-letteratura Maltija

George Mifsud u David Muscat
Uffiċjali Edukattivi tal-Malti
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
2014

# Il-Profil tal-istudent

Waħħal ritratt tiegħek hawn

Il-Kulleġġ :___________________________________________

L-iskola:___________________________________________________

L-isem u l-kunjom:___________________________________________

L-indirizz tad-dar:___________________________________________

Is-sena skolastika:______________________________

In-numru tat-telefown tad-dar: _________________

In-numru tal-mowbajl ta' min jieħu ħsiebek:_______________________

L-indirizz elettroniku: ___________________________

Isem l-għalliem/a:______________________________________________

Kwalità tajba li għandi:______________________________________________________________________________________

X'nixtieq mill-iskola:_______________________________________________________________________________________

X'nixtieq nagħmel la nispiċċa l-iskola:________________________________________________________________________________

## DAĦLA

Kif  tfasslu dawn il-linji gwida:

1. Bħala punt tat-tluq tlaqna miċ-ċekkjaturi 1, 2, 3 li jintużaw fit-tagħlim tal-Ħiliet Bażiċi fil-Primarja, il-ktieb *Sisien, Ngħallmu Lsienna* ta' David Muscat u  l-ktieb *Skaluni għat-tagħlim tal-Malti fis-Sekondarja ta'* Antoinette Camilleri u Terrence Portelli.
2. Il-prinċipji msemmija fit-test t'hawn fuq ġew addattati għaċ-ċirkustanzi tal-klassijiet tal-Kompetenzi Ewlenin fis-Sekondarja.

Għaliex tfasslu?

1. Mix-xewqa tal-għalliema  li jkollhom gwida prattika komuni li tgħinhom fi tfassil it-tagħlim tal-kompetenzi ewlenin fil-Malti.
2. Biex l-għalliema jagħrfu jużaw il-kurrikulu tal-Malti tas-Sekondarja fiċ-ċirkustanzi tal-klassi tal-Kompetenzi Ewlenin.
3. Biex l-istudenti u l-ġenituri jkunu jistgħu jsegwu kontinwament il-progress li jsir fil-kisba ta' dawn il-ħiliet.

X'inhuma dawn il-linji gwida:

1. Għandhom  jintużaw mill-għalliema tal-Malti biex jgħinuhom fit-tfassil u t-twettiq ta' ħidmiethom fil-qasam tal-kisba tal-Kompetenzi Ewlenin fil-Malti.
2. Iridu jkunu parti mill-portfolju tal-klassijiet tal-Kompetenzi Ewlenin. Il-Kurrikulu ġenerali huwa dak stabbilit mid-Dipartiment tal-Kurrikulu. Dawn huma għajnuniet biex l-istudenti jaħkmu sewwa l-ħiliet ewlenin fl-oqsma tal-lingwa u wara jkunu jistgħu jkomplu ma' sħabhom skont kif stabbilit fis-sillabi uffiċjali tal-Malti tas-sekondarja..
3. Għandhom iservu ta' gwida kontinwa għall-għalliema biex jaraw li l-istudent ikun miexi pass pass fil-kisba tal-ħiliet bażiċi.
4. Huma gradati u jibdew mill-inqas livell  t'għarfien u jitilgħu sa livell li jagħti lill-istudenti ħakma tajba tal-ħila deskritta.
5. Għandhom iservu ta' għajnuna fl-assessjar kontinwu tal-istudent/a għax jagħtu stampa fejn tkun/ikun waslet/wasal u 'l fejn trid/irid tasal/jasal.
6. Huma għajnuniet li jistgħu jibqgħu jintużaw matul is-snin tal-iskola sekondarja fil-programmi tal-kompetenzi ewlenin.

Kif jintużaw dawn il-linji gwida:

1. Biex l-għalliem/a tfassal il-pjan ta' xogħol skont il-ħtiġijiet partikulari tal-istudenti għax juru stampa fejn qiegħed l-istudent/a u jindikaw il-pass li jmiss.
2. Fihom ħjiel ta' approċji u metodolġiji li jistgħu jintużaw fil-klassi.
3. L-għalliema jistgħu jsegwuhom u regolarment jinnotaw il-progress li kull student ikun qed jagħmel fil-ħiliet.
4. Qiegħda tintuża sistema ta' kodiċi li tindika l-livelli milħuqa f'kull stadju. Għandha tintuża din l-iskema:

| 1: Il-mira milħuqa | 2: Il-mira mhux milħuqa |
|---|---|

5. Dejjem għandha titniżżel id-data u jkun hemm immarkat jekk hemmx evidenza bil-miktub fil-portfolju li tixhed li l-mira ntlaħqet. Fejn m'hemmx evidenza bil-miktub u l-mira titqies mill-għalliem/a bħala milħuqa, jitniżżel in-numru 1 u d-data meta l-istudent wera li laħaq dik il-mira.
6. Jiffurmaw parti mill-assessjar kontinwu u għandhom 40 fil-mija tal-marka finali li jitqassmu hekk: 10 marki għall-ksib ta' miri fit-taħdit/smigħ; 10 marki għall-qari, 10 marki għall-kitba u 10 marki oħra għall-apprezzament letterarju.
7. Fl-ewwel sena tas-sekondarja l-istudenti huma mistennija li jilħqu l-miri ta' kull ħila immarkati b'numru 1. Fit-tieni sena mistennija jintlaħqu dawk immarkati bin-numru 2 u dawk bin-numru 3 mistennija jintlaħqu fit-tielet sena. Dawk immarkati bin-numru 4 huma maħsuba li jintlaħqu fir-raba' u l-ħames sena tal-programm.
8. Il-miri li ma jintlaħqux f'sena partikulari l-għalliema jistgħu jkomplu jaħdmu fuqhom fis-sena/snin ta' wara.
9. L-għalliema jistgħu jinqdew bil-miri biex jibnu taħriġ differenzjat li jkopri l-interessi u l-ħtiġijiet tal-istudenti kollha.
10. Jistgħu jkunu l-bażi li fuqhom jiġi deċiż il-progress tal-istudent/a wara li jiġi diskuss mal-ġenituri u mal-amministrazzjoni tal-iskola.
11. Jistgħu jintużaw mill-ġenituri biex ikunu jafu fejn l-istudent/a jeħtieġlu l-għajnuna ħalli d-dar jkunu jistgħu jsaħħu dak li jkun diġà tgħallem l-istudent/a fil-klassi.

# IS-SMIGĦ U T-TAĦDIT

| IL-ĦILA | DESKRIZZJONI TAL-ĦILA: IS-SMIGĦ U T-TAĦDIT<br>1: il-mira milħuqa 2: il-mira mhix milħuqa | MIRA<br>(1 jew 2) | DATA | EVIDENZA<br>(portfolju) |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| 1.01 | Jisma' u jlissen tajjeb il-ħsejjes tal-ittri tal-alfabett. | | | |
| 1.02 | Jisma' u jlissen tajjeb għoqod ta' ħsejjes ta' żewġ ittri flimkien (kv). | | | |
| 1.03 | Jisma' u jlissen tajjeb għoqod ta' ħsejjes ta' aktar minn żewġ ittri (kvk, kvkv...) | | | |
| 1.04 | Jagħraf u jlissen il-ħoss tal-ewwel u l-aħħar ittra ta' kelma kv, kvk, kvkv, kvkvk. | | | |
| 1.05 | Jispelli u jaqsam kliem kv, kvk, kvkv, kvkvk, f'sillabi. | | | |
| 1.06 | Jisma' u jlissen tajjeb għoqod ta' ħsejjes ta' aktar minn żewġ ittri u li jkollhom konsonanti doppja fil-bidu, fin-nofs u fl-aħħar (kkvk, kvkkv, kvkk). | | | |
| 1.07 | Jagħraf u jlissen il-ħoss tal-ewwel u l-aħħar ittra fi kliem li jkollhom konsonanti doppja fil-bidu, fin-nofs u fl-aħħar (kkvk, kvkkv, kvkk). | | | |
| 1.08 | Jagħraf ilissen u jħoss l-ittri kollha wara xulxin ta' kliem bażiku popolari (*sight words*). | | | |
| 1.09 | Jisma' u jsegwi kliem li jirrima fil-ħoss u jagħraf is-sillabi li jaqblu. | | | |
| 1.10 | Jagħraf kliem ħafif li fih l-ie, l-għ u l-h u l-grafemi li jirrappreżentawhom. | | | |
| | | | | |
| 2.01 | Jisma' lista ta' kliem, jpoġġihom f'ordni biex ilissinhom bħala sentenza. | | | |
| 2.02 | Jisma' u jkompli jlissen it-tmiem/in-nofs/il-bidu ta' sentenza sempliċi. | | | |
| 2.03 | Jisma' u jirrepeti ġemgħa ta' sentenzi sempliċi SVO. | | | |
| 2.04 | Jisma' u jsegwi dak li jingħad mill-għalliem/a u jesprimi l-bżonnijiet tiegħu. | | | |
| 2.05 | Jisma' lil sħabu u jipparteċipa fit-taħdit sempliċi ta' rutina fil-klassi. | | | |
| 2.06 | Jisma' u jifhem storja qasira u jitkellem fuqha. | | | |
| 2.07 | Jisma' u jifhem taqbila/poeżija qasira, jirrepetiha u jitkellem fuqha. | | | |
| 2.08 | Jisma' u jsegwi l-kliem f'taqbila/poeżija li jirrima u jagħraf is-sillabi li jaqblu. | | | |
| 2.09 | Iqabbel kliem li jisma' ma' stampa/i marbuta miegħu. | | | |
| 2.10 | Jara stampa u jitkellem ftit fuqha b'mod narrattiv u/jew deskrittiv. | | | |
| | | | | |

| IL-ĦILA | DESKRIZZJONI TAL-ĦILA: IS-SMIGĦ U T-TAĦDIT<br>1: il-mira milħuqa 2: il-mira mhix milħuqa | MIRA<br>(1 jew 2) | DATA | EVIDENZA<br>(portfolju) |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| 3.01 | Jara sett stampi ħfief u joħloq storja bihom. | | | |
| 3.02 | Jisma' u jsegwi storja itwal u jiftakar parti/ijiet minnha. | | | |
| 3.03 | Jisma' u jsegwi storja itwal u juża stampi biex juri l-kronoloġija tagħha. | | | |
| 3.04 | Jisma' u jsegwi storja itwal u jerġa' jirrakkontaha kollha fi kliemu. | | | |
| 3.05 | Jisma' u jsegwi storja qasira u jwieġeb bil-fomm mistoqsijiet ġenerali fuqha. | | | |
| 3.06 | Jitkellem fuqu nnifsu mingħajr għajnuna. | | | |
| 3.07 | Jitkellem fil-qosor fuq tema/suġġett sempliċi u komuni mingħajr għajnuna. | | | |
| 3.08 | Juża tajjeb it-tempijiet sempliċi tal-verb meta jitħaddet. | | | |
| 3.09 | Jitkellem ma' ħaddieħor fi djalogu fuq tema magħżula u mħejjija minn qabel. | | | |
| 3.10 | Juża tajjeb il-komunikazzjoni verbali bħal tonalità, waqfiet, espressjoni ċara, pronunzja u artikulazzjoni. | | | |
| | | | | |
| 4.01 | Juża tajjeb il-komunikazzjoni mhux verbali bħal ġesti, espressjonijiet fiżiċi, bil-wiċċ... | | | |
| 4.02 | Jieħu sehem f'taħdita u jassumi rwoli differenti *(role play).* | | | |
| 4.03 | Jiddrammatizza lit-taħdit tiegħu billi jitħarreġ f'reċti qosra ta' skripts ħfief. | | | |
| 4.04 | Jisma' messaġġ/kitba/poeżija/kanzunetta/għanja qasira u jitkellem fuqha u joħroġ il-messaġġ u/jew il-punti ewlenin. | | | |
| 4.05 | Isegwi aħbar u jesprimi l-opinjoni tiegħu. | | | |
| 4.06 | Jipprepara waħdu/ma' sħabu punti għal taħdita qosra. | | | |
| 4.07 | Jitkellem fil-qosor quddiem udjenza magħżula bi tħejjija tajba minn qabel. | | | |
| 4.08 | Ikun koerenti u sekwenzjali fit-taħdit tiegħu u jżomm mat-tema diskussa. | | | |
| 4.09 | Juża mezzi u riżorsi differenti (teknoloġiċi u mhux) waqt preżentazzjoni. | | | |
| 4.10 | Jistaqsi u jfassal mistoqsijiet biex jikseb informazzjoni. | | | |
| | | | | |

# IL-QARI

| IL-ĦILA | DESKRIZZJONI TAL-ĦILA: IL-QARI<br>1: il-mira milħuqa 2: il-mira mhix milħuqa | MIRA<br>(1 jew 2) | DATA | EVIDENZA<br>(portfolju) |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| 1.01 | Jaf jagħraf u jaqra b'mod tajjeb l-ittri żgħar u kbar tal-alfabett. | | | |
| 1.02 | Iqabbel is-simbolu/grafema tal-ittra mal-ħoss tagħha. | | | |
| 1.03 | Isib u jagħżel l-ittra meta jisma' l-ħoss tagħha. | | | |
| 1.04 | Jgħaqqad l-ittri biex jifforma kliem kv, kvk, kvkv u jaqrahom. | | | |
| 1.05 | Iqabbel kliem bażiku popolari *(sight words)* mal-istampi relevanti. | | | |
| 1.06 | Jgħaqqad l-ittri biex jifforma kliem bid-doppji fil-bidu, fin-nofs u fl-aħħar (kkvk, kvkk, kvkkv) u jaqrahom. | | | |
| 1.07 | Jagħraf jaqra kliem bażiku popolari *(sight words)*. | | | |
| 1.08 | Jagħraf jaqra kliem li fih l-għ, l-h u l-ie fil-bidu, fin-nofs u fl-aħħar. | | | |
| 1.09 | Jagħraf jaqra kliem fejn l-għ u l-h jieħdu l-ħoss ta' /ħ/. | | | |
| 1.10 | Jagħraf jaqra sentenzi qosra ta' ftit kliem wara xulxin bla għajnuna. | | | |
| | | | | |
| 2.01 | Jagħraf ipoġġi wara xulxin ftit kliem, jifforma sentenza sempliċi bihom u jaqraha. | | | |
| 2.02 | Jagħraf minn fejn għandu jibda jaqra s-sentenza, fejn għandu jkompli u fejn jieqaf. | | | |
| 2.03 | Ikun midħla ta' elementi ewlenin tal-punteġġjatura bażika bħall-punt u l-mistoqsija. | | | |
| 2.04 | Jaqra tajjeb sentenza/ftit sentenzi ta' kliem sempliċi miktubin taħt stampa. | | | |
| 2.05 | Jaqra tajjeb żewġ sentenzi jew aktar wara xulxin bi kliem sempliċi biex jifforma storja qasira. | | | |
| 2.06 | Jaqra sentenzi u jqabbilhom ma' sekwenza ta' stampi. | | | |
| 2.07 | Jaqra ġemgħat żgħar ta' sentenzi magħmulin minn kliem bażiku popolari *(sight words)* u li jiffurmaw storja qasira. | | | |
| 2.08 | Jaqra ġemgħat żgħar ta' sentenzi magħmulin minn kliem itqal, fosthom kliem bl-għ, l-ie u l-h u jiffurmaw storja qasira. | | | |
| 2.09 | Jaqra paragrafu qasir u jwieġeb bil-fomm mistoqsijiet bażiċi /diretti fuqu. | | | |
| 2.10 | Jaqra paragrafu qasir u jwieġeb bil-kitba mistoqsijiet inferenzjali ħfief fuqu. | | | |
| | | | | |

| IL-ĦILA | DESKRIZZJONI TAL-ĦILA: IL-QARI<br>1: il-mira milħuqa 2: il-mira mhix milħuqa | MIRA<br>(1 jew 2) | DATA | EVIDENZA<br>(portfolju) |
|---|---|---|---|---|
| 3.01 | Jaqra silta qasira li tkun inqrat qabel mill-għalliema jew fi grupp. | | | |
| 3.02 | Jaqra silta qasira li ma jkunx raha qabel u ma jagħmilx wisq żbalji fi kliem sempliċi tagħha. | | | |
| 3.03 | Jaqra silta b'mod mexxej jagħraf fuq xiex inhi. | | | |
| 3.04 | Jaqra silta b'mod mexxej u jislet il-ħsieb ewlieni tagħha. | | | |
| 3.05 | Jaqra silta b'mod mexxej u jikkummenta fuqha. | | | |
| 3.06 | Jaf jadatta t-ton għall-qari billi jagħraf u juża l-punteġġjatura bħall-virgola, l-esklamazzjoni, il-virgoletti u l-mistoqsija. | | | |
| 3.07 | Jaqra kitba tiegħu quddiem sħabu tal-klassi. | | | |
| 3.08 | Jaqra silta quddiem l-oħrajn u jitkellem fuqha billi jgħid kif iħossu, jaqbilx ma' li qara, u għoġbitux u għaliex. | | | |
| 3.09 | Jaqra test waħdu (f'qalbu) u jitkellem fuqu quddiem l-oħrajn. | | | |
| 3.10 | Jaqra minn rajh ġeneri differenti ta' kotba. | | | |
| | | | | |
| 4.01 | Ikun jaf it-tqassim ta' ktieb bħat-titlu, l-awtur, il-werrej, il-glossarju u l-bqija. | | | |
| 4.02 | Isir midħla tal-librerija tal-klassi/skola u jkun jaf fejn hi s-sezzjoni ta' kotba li jinteressawh. | | | |
| 4.03 | Ikun jaf kif għandu jagħżel ktieb li jogħġbu mil-librerija. | | | |
| 4.04 | Ikun jaf iżomm lista tal-kotba li qara. | | | |
| 4.05 | Ikun jaf jitkellem fuq il-ġrajja tal-ktieb li qara anke bl-użu tat-teknoloġija/riżorsi oħra. | | | |
| 4.06 | Ikun jaf jikteb kitba qasira fuq il-ġrajja tal-ktieb li qara anke bl-użu tat-teknoloġija/riżorsi oħra. | | | |
| 4.07 | Jagħraf il-ġeneri differenti ewlenin ta' kitba bħal novella, artiklu f'gazzetta, rapport t'attività, rumanz, poeżija u oħrajn. | | | |
| 4.08 | Ikun jaf kif jagħmel użu minn dizzjunarju biex ifittex kliem tqil li ma jafx. | | | |
| 4.09 | Jara r-rabta /in-nuqqas ta' rabta bejn dak li jaqra u l-esperjenzi tiegħu. | | | |
| 4.10 | Jagħraf id-distinzjoni bejn kitba fattwali u fittizja. | | | |

# IL-KITBA

| IL-ĦILA | DESKRIZZJONI TAL-ĦILA: IL-KITBA<br>1: il-mira milħuqa 2: il-mira mhix milħuqa | MIRA<br>(1 jew 2) | DATA | EVIDENZA<br>(portfolju) |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| 1.01 | Jaf iżomm il-lapes/il-pinna biex jikteb. | | | |
| 1.02 | Jikteb l-ittri kollha żgħar u kbar tajjeb. | | | |
| 1.03 | Jimla l-vojt fin-nofs ta' kelma bażika billi jikteb vokali/konsonanti nieqsa. | | | |
| 1.04 | Jimla l-vojt fil-bidu u/ jew fl-aħħar ta' kelma bażika billi jikteb vokali/konsonanti nieqsa. | | | |
| 1.05 | Jikteb kliem kv, kvk, kvkv, kvkvk waħdu. | | | |
| 1.06 | Jikteb kliem kvkkv, kkvk, kvkk, waħdu. | | | |
| 1.07 | Jikteb kliem li fih l-għ, l-h u l-ie kemm fil-bidu, fin-nofs u fl-aħħar tiegħu. | | | |
| 1.08 | Jikteb żewġ kelmiet ħdejn xulxin u jħalli spazju bejniethom. | | | |
| 1.09 | Jikteb sew ismu u kunjomu. | | | |
| 1.10 | Juża tajjeb l-ittri kbar u żgħar fil-kitba meta suppost. | | | |
| | | | | |
| 2.01 | Jifforma kliem f'sekwenza biex jibni sentenza sempliċi. | | | |
| 2.02 | Iżid kelma/kliem fl-aħħar ma' sentenza sempliċi diġà mibdija. | | | |
| 2.03 | Jagħraf il-komponenti ta' sentenza sempliċi SV u SVO. | | | |
| 2.04 | Jagħraf il-punteġġjatura bażika (bidu b'ittra kapitali, il-punt) fil-kitba ta' sentenza. | | | |
| 2.05 | Jikteb mingħajr għajnuna sentenza sempliċi. | | | |
| 2.06 | Jikteb sentenza sempliċi fuq stampa. | | | |
| 2.07 | Jikteb u juża aġġettivi sempliċi f'sentenza li tiddeskrivi stampa. | | | |
| 2.08 | Jikteb sentenza waħda fuq kull stampa f'sekwenza ta' stampi. | | | |
| 2.09 | Jikteb ftit sentenzi sempliċi deskrittivi fuq stampa u sekwenza ta' stampi | | | |
| 2.10 | Ipoġġi fl-ordni sentenzi skont sekwenza ta' stampi. | | | |
| | | | | |

| IL-ĦILA | DESKRIZZJONI TAL-ĦILA: IL-KITBA<br>1: il-mira milħuqa 2: il-mira mhix milħuqa | MIRA<br>(1 jew 2) | DATA | EVIDENZA<br>(portfolju) |
|---|---|---|---|---|
| 3.01 | Jikteb għadd ta' sentenzi fuq stampa/sekwenza ta' stampi/tema. | | | |
| 3.02 | Jikteb għadd ta' sentenzi fil-forma ta' paragrafu fuq stampa/stampi/tema. | | | |
| 3.03 | Jagħraf u jħaddem sewwa l-ittri kapitali, il-punt, il-virgola u l-mistoqsija fis-sentenzi. | | | |
| 3.04 | Jagħraf kif jikteb mistoqsija minn sentenza. | | | |
| 3.05 | Iwieġeb mistoqsijiet bi tweġibiet qosra kkupjati mis-silta jew jimla l-vojt fuq silta qasira narrattiva/deskrittiva li jkun qara/sema' tinqara. | | | |
| 3.06 | Iwieġeb mistoqsijiet bi tweġibiet twal fi kliemu jew jimla l-vojt fuq silta qasira narrattiva/deskrittiva li jkun qara/sema'tinqara. | | | |
| 3.07 | Jinterpreta stampa u jikteb storja qasira ta' 50 kelma bil-għajnuna ta' punti gwida. | | | |
| 3.08 | Jikteb storja ta' madwar 50 kelma fuq stampi bl-għajnuna. | | | |
| 3.09 | Ikompli jikteb storja li jingħata l-bidu tagħha bl-għajnuna. | | | |
| 3.10 | Ikun kapaċi jagħżel tema li jista' jikteb fuqha minn fost għażla ta' temi ħfief narrattivi/deskrittivi. | | | |
| 4.01 | Juża strateġija varji (bħall-użu tal-għanqbuta, punti f'sekwenza, tpinġija...) biex ifassal pjan waħdu għall-kitba libera narrattiva/deskrittiva. | | | |
| 4.02 | Iqassam kitbietu f'paragrafi ewlenin u juża l-punteġġjatura bażika meħtieġa. | | | |
| 4.03 | Jeditja u jerġa' jdur kitbietu għall-punteġġjatura bażika u żbalji ortografiċi ewlenin. | | | |
| 4.05 | Idaħħal diskors dirett f'parti żgħira tan-narrazzjoni/deskrizzjoni li jkun qed jikteb. | | | |
| 4.06 | Iħaddem ġeneri varji u komuni tal-kitba li nużaw kuljum bħall-mili ta' formoli u applikazzjonijiet sempliċi, żamma ta' djarju, smsijiet,ittrejiet, nota qasira, istruzzjonijiet u cv ħafif – dawn kollha fil-format ta' imla l-vojt bl-informazzjoni meħtieġa li tkun ipprovduta mill-għalliem/a. | | | |
| 4.07 | Jikteb u jkompli jimla taħdita qasira bejn żewġ karattri mogħtija. Tista' tintuża *comic strip, speech bubbles...* | | | |
| 4.08 | Jasal jikteb billi jempatizza ma' entitajiet animati/inanimati u jirrakkonta ġrajjiet mil-lenti tagħhom bħal kieku kont għasfur, qattus, mejda, ix-xemx... | | | |
| 4.09 | Jiddeskrivi karattru u jikteb fuqu. | | | |
| 4.10 | Jikteb taqsira ta' storja/aħbar li jkun qara/sema' mingħand ħaddieħor. | | | |

# L-APPPREZZAMENT LETTERARJU

| IL-ĦILA | DESKRIZZJONI TAL-ĦILA: L-APPREZZAMENT LETTERARJU<br>1: il-mira milħuqa 2: il-mira mhix milħuqa | MIRA<br>(1 jew 2) | DATA | EVIDENZA<br>(portfolju) |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| 1.01 | Jasal biex jagħraf li hemm tipi ta' kitba oħra minn dik għall-konvenjenza. | | | |
| 1.02 | Jaqra, jifhem u japprezza taqbiliet,għanjiet popolari, rakkonti orali u reċti ħfief. | | | |
| 1.03 | Jaqra, jifhem u japprezza poeżiji, stejjer u drammi qosra. | | | |
| 1.04 | Jagħraf il-karatteristiċi ewlenin li jiddistingwu l-kitba u t-tqassim tal-poeżija u l-proża. | | | |
| 1.05 | Isib il-karattru/tema ewlenija ta' storja, poeżija,etċ. | | | |
| | | | | |
| 2.01 | Jagħti reazzjoni ħafifa bil-fomm/bil-kitba għal dak li jkun sema'/qara. | | | |
| 2.02 | Jitkellem fuq karattru/i u jagħti deskrizzjoni qasira ta' ġrajjietu msemmija fit-test. | | | |
| 2.03 | Jitjkellem fuq tema u jagħti deskrizzjoni qasira kif murija fit-test. | | | |
| 2.04 | Isir familjari mat-termini ġenerali ewlenin li nużaw bħall- karattru, il-plott/in-nisġa, il-ħsieb, il-messaġġ tal-poeżija. | | | |
| 2.05 | Jitkellem fuq storja, poeżija etċ u jgħid x'jixtieq ibiddel minnha skont gostih. | | | |
| | | | | |
| 3.01 | Jagħti interpretazzjoni qasira bil-fomm ta' poeżija, storja, dramm u jorbot it-test letterarju mal-esperjenza personali tiegħu/tagħha. | | | |
| 3.02 | Isir midħla ta' termini bażiċi li jintużaw meta nitkellmu fuq l-istruttura tal-kitba letterarja bħall- versi, l-istrofa, il-paragrafu, l-atti u x-xeni. | | | |
| 3.03 | Jifhem u japprezza l-użu tad-diskors figurattiv fil-kitba letterarja. | | | |
| 3.04 | Jikteb xi taqbila qasira bl-għajnuna ta' kliem mogħti. | | | |
| 3.05 | Jieħu sehem f'rappreżentazzjonijiet sempliċi fil-klassi ta' dak li jkun qara bħal reċtar ta' siltiet minn rumanz, storja, poeżija, dramm, etċ. | | | |
| | | | | |
| 4.01 | Jiddiskuti temi ħfief li jiltaqa' magħhom fil-letteratura u jagħti l-fehmietu fuqhom. | | | |
| 4.02 | Jagħti interpretazzjoni qasira bil-kitba ta' poeżija, storja, dramm u jorbot it-test letterarju mal-esperjenza personali tiegħu/tagħha. | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 4.03 | Jagħraf figuri tad-diskors ewlenin bħall-personifikazzjoni, ir-rima, l-alliterazzjoni u x-xebh. | | | |
| 4.04 | Joħloq eżempji 'oriġinali' tiegħu ta' figuri tad-diskors bażiċi u jiddiskutihom ma' sħabu fil-klassi. | | | |
| 4.05 | Jagħraf id-distinzjoni bejn taħdit litterali u figurattiv u jkun kapaċi jħaddimhom. | | | |